MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 172/2006

Kawza fil-lista: 24

**W V**
**vs**
**B V**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-23 ta’ Mejju 2006, li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fit-30 ta’ Dicembru 1989, u minn dan iz-zwieg twieldu erba t’itfal, Y [13], Z [11], T [9] u C [7], li fid-data tal-prezentata tar-rikors kienu ghadhom kollha minorenni; li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba ngurji gravi, minacci, sevizzi, mohqrija u adulterju, kif ukoll nkompatibilita’ serja ta’ karattru da parte tal-intimat [sic!]; li l-attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni sabiex tipprezenta l-istanza odjerna; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti:

[1] tippronunzja s-separazzjoni personali “a mensa et thoro” bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet fuq premessi mputabbli lill-intimat u ammissibbli mil-ligi;
[2] tillikwida u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet okkorrendo bl-opra ta’ perit nominand;
[3] tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat iddekada minn sehmu mill-komunjoni tal-akkwisti u konsegwentement tapplika l-effetti tal-artiklu 48 et sequitur tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-istess intimat u favur ir-rikorrenti;
[4] tassenja l-assi kollha formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti lir-rikorrenti;
[5] tordna l-izgumbrament tal-intimat mid-dar matrimonjali anke stante li hija parafernali ghall-mara u ghar-ragunijiet fuq premessi;
[6] tinnomina nutar pubbliku ghall-pubblikazzjoni ta’ l-att relattiv u kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez kontra l-intimat minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa: li, ghalkemm hu ma jaqbilx li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, izda fi kwalunkwe kaz “ir-responsabilita’ ghal tali tkissir ma kienitx unikament tieghu, izda wkoll tal-attrici li pprovokat b’mod kostanti u mahsub tali tkissir ta’ zwieg.”[1]; li hu m’ghandux jigi ordnat li jallontana ruhu mid-dar konjugali, izda “ikun xieraq li tinghatalu parti segregata mid-dar taz-zwieg, biex jibqa’ joqghod fiha, u b’hekk jista’ jkompli anke l-access liberu ghal uliedu”[2]; li fil-kaz li jigi ordnat jallontana ruhu mid-dar konjugali, ghandu jigi rivedut il-quantum tal-manteniment dovut minnu, tenut kont tal-ispejjez necessarji li jehtiglu jaghmel; li, ghalkemm ma hemmx talba appozita, jitlob li din il-Qorti tipprovdi fis-sentenza dwar il-kura u kustodja tal-ulied minuri, u l-modalita’ tal-access, jekk ikun il-kaz; li, ghalkemm id-dar matrimonjali hija parafernalit ghall-attrici “hu ghandu certu drittijiet fuq id-dar peress li kkontribwixxa

[1] Vol.1 - Fol.61
[2] Ibid. – Fol.62

b'diversi modi sabiex l-istess dar setghet tingieb fl-istat li hija fih illum"[3];

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob s-separazzjoni personali ghall-ragunijiet imputabbli lill-konvenut fit-termini tal-artikoli 38 u 40 tal-kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Min-naha tieghu l-konvenut ma jaqbilx li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment; u fi kwalunkwe kaz, it-tort ghandu jigi attribwit ukoll lill-attrici.

**Separazzjoni Personali**
Illi l-partijiet izzewwgu fit-30 ta' Dicembru 1989, u minn dan iz-zwieg ghandhom erba' t'itfal, kif fuq indikat, u li llum tlieta minnhom biss huma minorenni, Z, T u C li ghandhom rispettivament 16, 14 u 12-il sena circa. Wara circa seba' snin miz-zwieg, il-partijiet bdew jesperjenzjaw inkwiet matrimonjali li pprecipita b'mod li eventwalment waqfet ghal kollox il-hajja konjugali, ghalkemm il-partijiet baqghu jghixu fl-istess dar, izda f'ambjent separat.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tghid li wara z-zwieg hija kienet baqghet tahdem, u fl-ewwel seba' snin il-konvenut qatt ma kien jaghtiha "paga" bir-rizultat li l-oneru finanzjarju kollha ghall-ghejxien tal-familja, inkluz tal-konvenut, kien kollu fuqha. Matul dan il-perijodu, wara x-xoghol huwa kien jibqa' sejjer go hanut fiz-Zejtun jilghab il-karti tal-loghob sad-9.00pm jew l-10.00pm.

[3] Ibid. – Fol.61

Wara tlett snin miz-zwieg, twieldu erba' t'itfal; u malli twieldet it-tielet tarbija l-attrici waqfet mix-xoghol u l-konvenut beda jaghtiha "paga" ghall-ghejxien tal-familja; izda hija xorta wahda kienet tmur tghinu fil-*bar* tal-kazin, u hemm kienet tmur tnaddaf, filwaqt li fil-*weekends* kienet issajjar l-ikel biex jittiehed fil-kazin.

Tispjega li "l-aghar inkwiet" beda meta hija kienet tqila bir-raba' tarbija, hi skopriet li zewgha kien dahal f'relazzjoni ma' mara ohra. F'dak iz-zmien il-konvenut kien qalha li kien ser jitlaq mid-dar, u li ghaliha qatt ma hassx xejn. Tghid ukoll li kien beda jsawwatha, u li minn dak iz-zmien "hajti saret infern". Il-konvenut riedha anke ssir habiba ma' din il-mara.

Meta l-konvenut ha kazin akbar, ix-xoghol taghha relatat mal-kazin irdoppja. Tghid: "Barra li kont inqatta' nofs ta' nhar kuljum innadaf, kont nipprepara aktar dixxijiet ta' ikel, u fil-weekends kont inqatta' madwar 17-il siegha straight, minghajr ma norqod ghax anke kien ikolli niftah fl-4.00am biex inbiegh il-pastizzi filwaqt li hu jkun rieqed."[4]

Illi oltre l-loghob tal-karti fil-kazin, beda wkoll il-loghob kbir fuq il-futbol; u l-flus kienu dehlin, izda l-konvenut kien izommhom ghalih, u kien jirrifjuta li jaghmluhom f'kont bankarju kongunt, jekk l-attrici ma ddawwarx id-dar matrimonjali, proprjeta' parafernali taghha, fuq ismu wkoll. Tghid li bhala "paga" kien jaghtiha LM300 fix-xahar, mix-xoghol proprju tieghu li minnhom kien jibqalha LM260 biex bihom thallas l-bzonnijiet kollha tal-familja, ghal xahar shih, inkluzi l-kontijiet tal-utilitajiet tad-dar, u spejjez relatati mal-edukazzjoni tat-tfal.

Tilmenta li l-konvenut "dejjem kien jidhol id-dar fis-2.00am jew fit-3.00am. Tghajjir, nisa, fejn sahinsitra darba tlaqt ghal gharrieda biex innaddaf u niftah [il-kazin] inbigh il-pasitizi u nsibu mrekken ma' wahda."[5] Tirrakkonta okkazzjoni meta l-konvenut kien mar id-dar fit-3.00am u "ghal xejn b' xejn beda joffendini, jghajjarni, jimbuttani

[4] Ibid. Fol.67
[5] Ibid. – Fol.67

minn fuq is-sodda."  u wara li gera warajha sawwatha u heddida b' sikkina, bir-rizultat li garrbet feriti subghajha li kienu jirrikjedu erba' punti;  u dan kollu quddiem it-tfal. Kien sar rapport lill-pulizija, u l-konvenut kien wehel multa ta' LM50 mill-Qorti tal-Magistrati.

L-attrici tispjega li qabel iz-zwieg, u precisament fis-27 ta' Dicembru 1989 huma kien ghamlu kuntratt li bih eskludew ir-regim tal-komunjoni fiz-zwieg taghhom;  u ghalhekk "irrid nenfasizza li d-dhul kollu tal-bar tal-kazin ippercepih kollu r-ragel, u jien ma hadtx sehemi ghax-xoghol li hdimt fil-kazin."[6]

L-attrici tivvanta kreditu kontra l-konvenut, stante li meta l-kazin ma kienx baqa' f' idejhom, kien hemm flus fl-ammont ta' LM20,000 li minnhom hi hadet biss is-somma ta' LM3,800, bi ftehim bis-sahha tal-avukati taghhom, u minhabba f' hekk, ghal sitt xhur shah, il-konvenut ma taghiex manteniment hi hi kelha tonfoqhom kollha "fuq il-hajja ghat-tfal, edukazzjoni u hlas ta' l-iskejjel, kontijiet tad-dawl etc. u spiccajt ma hadt xejn."[7]

*Verzjoni Konvenut*

Fl-affidavit[8] tieghu, il-konvenut jikkonferma li bejn il-partijiet kien gie eskluz ir-regim tal-komunjoni tal-akkwisti. Jikkonferma li  fl-ewwel seba' snin taz-zwieg lill-attrici kien jghaddilha LM250 fix-xahar manteniment "ghalina u ghal uliedna", u sussegwentement beda jghaddilha LM300 fix-xahar "apparti li f' diversi xhur tas-sena kont nerga' naghtiha LM100 ohra ghall-bzonnijiet.

Jghid li wara d-digriet tal-Qorti tas-27 ta' Lulju 2006[9], [li permezz tieghu kien gie ordnat jghaddi lil martu manteniment ta' LM215.50 fix-xahar, LM80 ghall-attrici u l-kumplament ghat-tfal] huwa minn rajh zdied dan l-ammont b' LM50 fix-xahar[10].

---

[6] Ibid. -  Fol.68
[7] Ibid. –  Fol.68
[8] Vol.2 – Fol.284 *et seq.*
[9] Vol.1 –  Fol.46
[10] Vol.2 – Fol.290

Jghid li l-manutenzjoni fid-dar "dejjem" hallsu hu; u jivvanta kreditu fil-konfront ta' l-attrici fl-ammont ta' LM29,850 spejjez maghmula minnu "biex fid-dar taz-zwieg li hi proprjeta' ta' marti saru l-htigijiet u affarijiet" li hu ndika f' lista annessa mal-affidavit tieghu.

Fid-depozizzjoni tieghu, il-konvenut cahad li kellu relazzjoni ma' Doreen Azzopardi, ghalkemm ammetta li gieghli kien iwassalha bil-karrozza fejn tghidlu; jichad ukoll l-allegazzjoni attrici li din darba kienet qabditu ma' mara ohra fil-kazin; jichad ukoll li qatt kien aggressiv mat-tfal.

Il-konvenut jammetti li martu kienet taghmel xoghol fil-kazin matul il-weekends, u li hu ma kienx ihallasha ghax kien jaghtiha l-paga kollha li jaqla' mill-impieg regolari tieghu.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*
Illi, filwaqt li l-attrici rrilaxxat affidavit dettaljat u spjegattiv dwar l-inkwiet matrimonjali ta' bejn il-partijiet, il-konvenut fl-affidavit tieghu ma jitkellem xejn dwar dan l-aspett tal-kawza, filwaqt li fir-risposta guramentata tieghu jillimita ruhu billi jghid li anke l-attrici hija responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg stante li kienet tipprovokah b' mod kostanti.

Illi filwaqt li l-konvenut ma cahadhx dak allegat mill-attrici fil-konfront tieghu, fil-kontro-ezami cahad l-allegazzjoni ta' adulterju, kif ukoll li hu kien aggressiv mat-tfal

Illi din il-Qorti, fic-cirkostanzi hija propsensa li taccetta bhala veritier il-parti tal-verzjoni tal-attrici, li ma gietx michuda mill-konvenut, u cioe' li bil-komportament tieghu huwa kien ghamel il-hajja tal-attrici, li kellha tlahhaq m'erba' t'itfal, difficli u nsapportabbli. Dan il-komportament jikkonsisti fi glied u litigar da parti tieghu, bl-okkazjonali episodju ta' vjolenza fuqha. Mill-provi jirrizulta li hu kien insensittiv ghall-bzonnijiet ta' martu, u ghat-tbatija li l-oneru ta' trobbija ta' erba' t'itfal necessarjament igib mieghu. Apparti minn hekk kien jilghab u jixrob, u dan kompla jaggrava l-komportament

abbuziv tieghu li eventwalment irrenda nsapportabbli ghall-attrici l-hajja konjugali.

In fatti l-attrici qed titlob li l-konvenut jigi ordnat li jallontana ruhu mid-dar konjugali kompletament, ghax il-konvivenza ghaliha saret difficli hafna, tant li, kif tghid fix-xhieda taghha, "id-dar bhal issa ikolli nohrog jien 'il barra nofs ta' nhari, niggerra fit-triq ghax ma nistax nissaportih go dan il-hmieg li qed ihallili."[11]

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment primarjament tort tal-konvenut li rrenda ruhu hati fil-konfront ta' martu ta' 'sevizzi' fit-termini ta' l-artikolu 40 fuq citat. Min-naha l-ohra, l-adulterju mputat lill-konvenut ma jirrizultax provat sodisfacentement.

**Kura u Kustodja**

Illi, ghalkemm l-attrici ma ghamlitx talba fir-rigward tal-kura u kustodja tat-tfal u l-access, il-Qorti, fl-interess tal-minuri, u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 149 tal-kapitlu 16, ghandha s-setgha, anzi d-dover, li tipprovdi ex-ufficju fir-rigward; l-istess japplika ghall-manteniment dovut lit-tfal minuri.

Illi mill-provi ma jirrizultawx id-dati tat-twelid tal-erba' ulied tal-partijiet, izda jidher li llum Z [16], T [14] u C [12] ghadhom minorenni.

Din il-Qorti fl-interess ta' dawn il-minuri tordna li l-kura u kustodja taghhom tigi fdata esklussivament f' idejn l-attrici; izda decizjonijiet importanti dwar is-sahha u l-edukazzjoni ta' dawn il-minuri, kif ukoll fejn jidhol safar, ghandhom jittiehdu miz-zewg partijiet konguntivament, jew bl-intervent tal-qorti fin-nuqqas ta' ftehim.

Il-konvenut ikollu dritt ta' access ghall-ulied T u C darbtejn matul il-gimgha, saghtejn kull darba, mill-5.30pm sas-7.30pm, u fil-*weekend*, b' mod alternat, mill-Gimgha 7.30pm sas-Sibt 7.30pm, u mis-Sibt 7.30pm sal-Hadd 7.30pm; filwaqt li l-access ghat-tifla Naoma jkun wiehed

[11] Vol.2 – Fol.257

konkordat bejnha u bejn il-konvenut, tenut kont tal-eta' tat-tifla. Il-missier ghandu jigbor it-tfal ghall-access mid-dar fejn joqghodu, u jehodhom lura fl-istess post.

Il-partijiet huma awtorizzati sabiex jifthemu bil-miktub fuq granet u hinijiet differenti minn dawk fuq indikati, tenut kont tal-impenji tat-tfal, u anke tax-xoghol tal-konvenut.

**Manteniment**

Illi mill-provi jirrizulta li l-konvenut huwa mpjegat mal-Gvern, u kif jidher mill-ahhar prospett dwar il-paga prezentat, li huwa tas-sena 2007, il-konvenut ghandu ntrojtu nett ta' circa LM554 [illum €1290] kull erba' gimghat. Mill-provi pero' jirrizulta wkoll li fil-passat hu kien zied l-introjtu tieghu billi kien iggestixxa *bar* ta' kazini ghal circa sitt snin.

Illi din il-Qorti, permezz ta' digriet moghti fis-27 ta' Lulju 2006 ordnat li l-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha s-somma ta' LM80 fix-xahar [illum €186] u LM135.50 fix-xahar bhala manteniment ghal ulied minuri, dak iz-zmien erba'; u dak iz-zmien il-konvenut minn rajh kien zied dan il-manteniment bl-ammont ta' LM50 [illum €116]. B' hekk l-attrici qed tircevi b' kollox is-somma ta' €618 [LM265.50].

Illi llum dan l-ammont ghandu jigi rivedut, kemm ghax wiehed mill-ulied sar maggjorenni, kif ukoll peress li l-konvenut ser jigi allontanat mid-dar konjugali. Mill-banda l-ohra ma hemm xejn x'jostakola lill-konvenut milli jadhem xoghol iehor kif ghamel fil-passat, u b'hekk izid l-introjtu tieghu.

Mill-banda l-ohra, il-Qorti tosserva li ma hemm xejn jimpedixxi lill-attrici li meta l-minuri C, li llum ghandu circa 12-il sena, jikber ftit iehor u jsir aktar indipendenti, l-attrici tohrog tahdem, kif kienet ghamlet fil-passat meta kellha l-oneru ta' erba' t'itfal zghar, u tiggenera ntrojtu b'hekk tghin lilha nnifsha finanzjarjament.

Ghalhekk il-Qorti tordna li *rebus sic stantibus* l-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha s-somma ta'

€163 [LM70] fix-xahar, u s-somma ta' €140 [LM60] fix-xahar ghal kull wild minuri sakemm dawn isiru maggjonrenni jew jibdew jahdmu b' introjtu regolari u adegwat, liema jigi l-ewwel; bl-awment annwali tal-gholi tal-hajja skont l-indici ufficjali. Il-manteniment ghandu jigi mnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut, u tintbaghat lill-attrici direttament fl-indirizz residenzjali taghha.

Ic-*children's allowance* u l-beneficju li jaghti lis-Stat relattivament ghat-tfal minuri ghandhom jigu percepiti esklussivament mill-attrici.

Illi wara l-perijodu ta' tlett [3] snin millum, il-manteniment dovut lill-attrici jigi ridott ghal €93 [LM40] fix-xahar, sakemm din ma tkunx qed tippercepixxi ntrojtu regolari u adegwat, f' liema kaz dan il-manteniment jigi sospiz.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti – Propjeta' Komuni**

Illi f'dan il-kaz, nonostante li l-attrici talbet ix-xoljiment, likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, dan ir-regim ma jirrizultax, anzi mill-provi dokumentali jirrizulta li gie eskluz bejn il-partijiet qabel iz-zwieg; u ghalhekk ma hemm xejn x'jigi xjolt, likwidat u assenjat f' dan ir-rigward.

Izda mill-provi mhux kontraddetti jirrizulta li hemm effetti mobbli li nxtraw mill-partijiet flimkien, u ghalhekk huma assi komuni tal-partijiet, u li jinsabu elenkati mill-attrici fil-prospett markat Dok.MS2 tal-process, u li, inter alia, jindika l-mobbli li nxtraw mill-partijiet bejniethom. Dawn il-mobbli jammontaw komplessivament ghas-somma ta' LM6,380 [illum €14,861 ]; inoltre hemm kreditu tal-attrici dwar karrozza Fiesta li ghaliha l-partijiet kienu hargu s-somma ta' LM3,500 [illum €8,153 ]. Kopja ta' dan il-prospett qed jigi anness mal-gudizzju odjern sabiex jifforma parti mill-istess [Appendici A].[12]

Fir-rigward il-Qorti tordna li, filwaqt li l-attrici izzomm l-ghamara kollha ndikata fl-imsemmija lista b' mod li din tigi tappartjeni lilha fl-intier taghha, il-konvenut ma jkollu jaghti

[12] Fol.268

xejn lill-attrici dwar il-vettura; izda l-attrici ghandha thallas lill-konvenut bhala ekwiparazzjoni s-somma ta' LM1,440[13] [illum €3,354 ]. L-ghamara li ghandha zzomm l-attrici hija: sufan, gradenza, gradenza ohra, twaletta, kamra tas-sodda, kamra tal-*boys*, zewg imwejjed zghar, u komodina.

Illi hemm pretensjoni ta' krediti miz-zewg partijiet fil-konfront ta' xulxin, li, apparti milli jezorbitaw mill-parametri gudizzjarji tal-kawza odjerna, il-provi fir-rigward huma skarsi; u ghalhekk din il-Qorti, tenut ukoll tal-ammonti pretizi qed tirrizerva li jigu decizi f' gudizzju separat.

In propozitu l-Qorti ser tillimita ruhha billi tosserva li mill-provi jirrizulta li l-attrici qed tivvanta kreditu kontra l-konvenut tas-sieghat li hi kienet tahdem fil-*bar* tal-kazini li kien jiggetixxi zewgha u li, skont hi, l-introjtu kien zammu kollu ghalih, hlief ghas-somma fuq indikata ta' LM3,800. Hija tindika s-somma ta' LM20,000 rapprezentanti l-introjtu percepit fil-gestjoni tal-kazini, inkluz l-i*stock*. Kif gja fuq rilevat minn din il-Qorti, f' dan ir-rigward il-provi huma skarsi, u hemm il-htiega ta' nomina ta' perit komputista biex jikkomputa somma rapprezentanti l-valur tax-xoghol kollu li ghamlet l-attrici fil-kazini.

Minnaha tieghu, il-konvenut qed jivvanta kreditu sostanzjali fl-ammont ta' LM29,850 tax-xoghol kollu u l-ispejjez li hu ghamel u nefaq fid-dar matrimonjali proprjeta' parafernali tal-attrici, liema pretensjoni tehtieg, aktar provi dokumentali u xhieda, u probabbilment il-hatra ta' perit arkitett.

Fic-cirkostanzi, din il-Qorti qed tirrizerva li dawn il-pretensjonijiet jigu dedotti f' gudizzju separat.

**Dar Matrimonjali**

Illi jirrizulta mill-provi li d-dar matrimonjali bil-garage, plot 70, 'Moosefalls' Triq in-Nirien, Siggiewi hija parafernali tal-attrici, ghalkemm hemm vantat mill-konvenut kreditu sostanzjali ghax-xogholijiet u spejjez maghmula minnu fl-istess fond.

---

[13] [LM6,380 /2 ] – [LM3,500 / 2]

Illi rigward it-talba tal-konvenut sabiex huwa jithalla jghix fid-dar matrimonjali, ghalkemm f'ambjent separat minn dak ta' martu, il-Qorti tosserva li, filwaqt li din it-talba tinsab opposta mill-attrici, hija kontro-indikata f' dan il-kaz, tenut kont tal-fatt li kien proprju l-komportament abbuziv tal-konvenut li rrenda nsapportabbli ghall-attrici l-konvivenza. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehema, anke sabiex jigu evitati ncidenti, li l-attrici tigi awtorizzata tibqa' tghix fl-imsemmi fond, li hu parafernali taghha, ad eskluzjoni tal-konvenut li hu ghalhekk ordnat jallontana ruhu mid-dar konjugali fi zmien xahar.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija unika tal-konvenut;

[2] tilqa' t-tieni u r-raba' talba limitatament u fis-sens li tordna li l-proprjeta' indikata fis-sezzjoni ntestata **'Komunjoni ta' l-Akkwisti – Proprjeta' Komuni"** tigi diviza u assenjata kif hemm stabbilit u ordnat;

[3] tichad it-tielet talba;

[4] tilqa' il-hames talba, u, filwaqt li tiddikjara li l-fond Plot numru sebghin [70] "Moosefalls" Triq in-Nirien, Siggiewi hija proprjeta' parafernali tal-attrici, tordna li l-konvenut jallontana ruhu mill-imsemmi fond fi zmien xahar millum;

[5] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba, stante li hija superfluwa;

Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri tigi regolata kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja';

Tordna li l-konvenut ihallas manteniment lill-attrici kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment'

L-ispejjez ikun a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------